MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 24/2005

**Atlas Insurance Limited**
**(C 15239) de proprio, kif ukoll kif surrogat fid-drittijiet ta` l-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**Vs**

**Sullivan Maritime Ltd bhala agent tas-socjeta` estera Atlantica SpA di Navigazione armatur u/jew nolleggjatur tal-bastiment "M.V. Eurostar Valencia"**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta` Jannar, 2005, fejn intalab sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` erba` mija u disghin lira (Lm490), rapprezentanti valur ta` danni mhallsa in konnessjoni ma` hsarat subiti fi tliet vetturi Peugeot li waslu hawn Malta, fl-20 ta` Frar, 2004, fuq il-bastiment M.V. Eurostar Valencia kif ghandu jirrizulta mid-dokumenti ezebiti u mmarkati Dok. ZM 1 sa ZM 8.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-kawza sal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 31 ta` Jannar, 2005, fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens illi (1) ma kinietx responsabbli ghall-allegati hsarat (2) ghandha ssir il-prova tas-surroga (3) ma hemmx prova tas-survey fees u (4) li l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Gew ezaminati l-provi migjuba nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-kontendenti u b'mod partikolari ha notament tal-fatt illi gie konstatat fl-istess osservazzjonijiet illi l-kwistjoni ahharija ta` bejn il-partijiet kienet irrisolviet ruhha biss fuq il-Kap ta` l-ispejjez u dana in vista tal-fatt li mill-provi prodotti rrizulta li n-nuqqasijiet lamentati ma setghux jigu attribwiti lis-socjeta` konvenuta.

Ikkunsidra.

Illi s-socjeta` attrici tafferma li hija waslet biex intavolat dawn il-proceduri kontra s-socjeta` konvenuta peress illi din ta` l-ahhar baqghet ma baghatitilhomx it-*tally sheets* relattivi. Emmanuel Portelli, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta jikkonferma dan u jispjega pero` li dawn qatt ma ntbaghtu peress illi fl-ewwel lok ma kienx hemm talba ghaliha u fit-tieni lok ma kinietx il-policy taghhom li jibghatuha. Fil-prezent dan id-dokument qed jintbaghat mill-principali taghhom minn barra fuq semplici rikjesta. Ghal finijiet ta` kompletezza jigi notat li fuq it-*tally sheet* a fol. 32 tal-process ghandu jirrizulta li l-vetturi in kwistjoni ma kien fihom ebda nuqqas. Is-surveyor John Falzon jikkonferma li huwa jispezzjoni l-vetturi wara li jkunu gia` tnizzlu minn fuq il-bastiment u li skond il-Gate Pass-Out Dok. ZM 6, jirrizulta li l-vetturi in kwistjoni ma kien fihom ebda nuqqas jew hsara ghajr zewg ashtrays. Dan gie anke konfermat minn Ronald Pellegrini li ezebixxa kemm il-gate pass out u kif ukoll it-*tally sheet* immarkati Dok. RP 1 u RP 2, li stqarr ukoll li tal-Cargo Handling kienet halset

ghal xi nuqqasijiet li kien hemm. Di fatti minn provi ohra rrizulta li tal-Cargo Handling kienet assumiet ir-responsabbilita` tan-nuqqas ta` zewg ashtrays u kienet halset taghhom lis-socjeta` attrici.

Illi t-Tribunal ma jistax jifhem kif minn banda s-socjeta` attrici thalset minghand tal-Cargo Handling ghan-nuqqas ta` l-ashtrays li rrizulta li kienet l-unika nuqqas rappurtat fil-mument ta` l-izbark tal-vetturi u minn banda ohra tghid illi ma kinietx taf il-kontenut tat-*tally sheet* u tal-Gate Pass Out. Meta talbet u rceviet il-pagament minghand tal-Cargo Handling, is-socjeta` attrici setghet f'dak l-istadju facilment ivverifikat maghhom dwar il-kontenut ta` l-istess dokumenti halli tevalwa l-pozizzjoni legali taghha fil-konfront tas-socjeta` konvenuta u mhux li tipprocedi b'azzjoni gudizzjarja kif ghamlet.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, kwindi jichad it-talba tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------